

# Il-Każin u l-Banda Imperial

miktub mis-Sur Eddie Camilleri

Meta tiġi biex tikteb fuq każin, banda jew għaqda trid tħares lura lejn iż-żmien meta twaqqaf jew twaqqfet, il-ħajja soċjali u kulturali fir-raħal jew fil-belt f'dawk iż-żminijiet, l-ambjent li fih trabbew il-fundaturi u fuq kollox id-diffikultajiet li kellhom jiġu megħluba minn żmien għal żmien biex, din l-għaqda tkun tista tkompli tikber u tissaħħaħ.

Illum se nikteb xi ħaġa fuq il-Każin Banda Imperial. Din il-banda għamlet l-ewwel programm fil-21 ta' f'Settembru 1930, jiġifieri iżjed minn 70 sena ilu u biex norbot ma' dak li semmejt fil-bidu tajjeb li naraw il-Mellieħa ta' dak iż-żmien x'kienet toffri. Insibu li dan ir-raħal tagħna kien iżgħar, b'popolazzjoni żgħira u fqira. In-nies kienu nies li jaħdmu fir-raba u jgħixu ħażin , ħażin mill-prodotti li jiġbru. Kien jinħass in-nuqqas ta' xogħol. Dak iż-żmien ma kienx hawn fabbriki u lanqas postijiet oħra fejn wieħed setgħa jaqla' sold u ż-żgħażagħ Melleħin kellhom iħarsu madwarhom biex isibu x-xogħol ; jew fir-raba jew fil-baħar ; jew bdiewa jew sajjieda. Kien żmien diffiċli u jiskuraġik. Imma ftit nies tkellmu bejniethom u ftehmu li jippruvaw jagħmlu soċjetà oħra. Fil-31 ta' Awwissu 1924 ġiet mwaqqfa The Costitutional Orchestra Club u erba' snin wara li deċiż jagħmlu banda. Huma bdew jaħdmu qatigħ biex iwettqu l-ħolma tagħhom u dan il-ħsieb kien jitlob ħafna xogħol u sagrifiċċju. Trid issib nies, rġiel jew ġuvintur li jaċċettaw li jkunu bandisti, li jsibu ħin li jitgħallmu jdoqqu strument u jsibu ħin għall-kunċerti. Trid issib flus biex tixtri strumenti u tixtri ħwejjeġ oħra għall-banda. U minn raħal fqir ma tistenniex ħafna flus. Ma rridux ninsew li fil-Mellieħa diġa kien hawn banda oħra li kienet bdiet fis-sena 1907. Imma dawn il-pijunieri kellhom rida sħiħa li jaslu biex jibdew banda ġdida. U billi dawn in-nies tal-bidu kienu nies ta kuraġġ kienu sodi fit-twemmin tagħhom għall-banda ġdida, komplew jaħdmu u jistinkaw biex jilħqu l-ideat tagħhom. Fejn hemm rieda soda n-nies timxi u tegħleb ix-xkiel u t-taqtigħ ta' qalb. Imma b'kuraġġ, dawn il-ftit nies tal-bidu raw il-ħolma tagħhom issir realtà għax f'Settembru 1930 raw il-banda ġdida ddoqq fil-pjazza tar-raħal tagħhom b'bandisti ġodda. Il-folla ta' nies li attendiet għal dan l-ewwel programm tal-banda l-ġdida. Ir-ritratti li hemm tal-banda fl-ewwel programm tagħha turi li n-nies li kienu jisimgħu, kienu nies tar-raħal, nies komuni. Il-ħwejjeġ li kienu libsin jixhdu faqar u sempliċità.

L-ewwel surmast direttur ta' din il-Banda kien is-Surmast Antonio Micallef mgħejjun mis-Surmast Mellieħi Salvinu Vella. Wara ftit xhur il-Banda Imperial għaddiet f'idejn is-Surmast Salvinu Vella u fl-ewwel snin ħadem biex il-banda timxi 'l quddiem. U hekk ġara! Pass wara pass il-banda mxiet 'l quddiem u kellha ħafna nies li l-preżenza tagħhom kienet tagħmel kuraġġ lis-surmast u lill-banda f'kull attivita li kienet tagħmel.

Waħda mill-ewwel festi li l-banda kienet tieħu sehem kienet dik li kienet issir f'Kemmuna u wara fil-festa ta' San Duminku l-Birgu u f'dik ta' San Ġużepp ġewwa r-Rabat. Fejn kienet tmur l-Banda kienu jmorru ħafna nies. U dan is-sapport kien jagħmel kuraġġ lill-banda ġdida u lis-Surmast ukoll.

Il-Banda kienet tkun mistiedna tagħmel marċi u programmi f'diversi bliet u rħula f'Malta.

## Il-Banda u d-Diretturi tagħha

Illum spiss nisimgħu li se jiċċelebraw l-''Birthday'' ta' xi ħadd, u forsi ġieli kontu mistednin għal xi reċivement bħal dan. M'hemm xejn ħażin li nifirħu fil-ġurnata li tfakkarna fit-twelid tagħna jew tal-ħbieb tagħna, basta jsir kollox bil-għaqal u bil-prudenza. Jekk il-party isir hekk tkun veru okkażjoni ta' ferħ għal dak jew dik li jkun (tkun) jiċċelebraw jum it-twelid tagħhom u anke għal dawk li kienu mistiedna għal din il-festa. Dari ma konniex niċċelebraw il-birthday tagħna, ma konniex nagħmlu festi. Konna ngħidu grazzi lil Alla u nibqgħu sejrin bix-xogħol tagħna bħas-soltu.

Imma f'każini u l-baned kienu ifakkru ċerti festi fil-ħajja tagħhom. U hekk għamlu ukoll id-diriġenti tal-Każin u l-Banda Imperial.

Għalhekk insibu li fl-1955 għamlu l-festa ta' għeluq il-25 sena. Il-Każin aktarx li kien l-istess bħal meta bdiet il-banda, ftit kmamar isfel u ftit kmamar fuq u bitħa kbira u ġnien fin-naħa ta' wara. Din il-bitħa li kellha palk żgħir fis-sajf kienet isservi għat-teatrin u għall-kunċerti tal-banda. Is-Soċjetà kienet

tirsisti biex tixtri l-każin iżda qatt ma waslu fi ftehim mas-sid.

Għal din il-festa tal-25 sena l-Banda kellha surmast lis-Surmast Anthony Sammut li kien inħatar surmast tal-Banda Imperial f'Mejju tas-sena 1948. Is-Surmast Anthony Sammut dam jidderieġi l-banda "Imperial" għal 32 sena meta minħabba s-saħħa kellu jċedi postu wara li ta lill-banda servizz mill-aħjar u mexxa lill-banda fiż-żmien diffiċli ta' wara l-gwerra u fi żmien is-snin ħamsin u sittin meta ħafna żgħażagħ Melleħin emigraw 'l hinn minn xtutna. Is-Surmast Ninu Sammut għaraf jibni banda mill-ftit bandisti li kien baqa' flimkien ma xi bandisti li ġew il-Mellieħa u xi bandisti ġodda li kienu ġew ippreparati biex jidħlu fil-banda. Wara dawn is-snin mimlijin bi problemi l-Banda Imperial setgħat tkompli l-mixja tagħha.

Fis-sena 1980 kien imiss il-festi tal-50sena. Iżda billi fid-9 t'Awwissu 1979 is-Soċjetà xtrat il-każin Imperial u allura il-kumitat beda l-proġett li jagħmel każin modern li jixraq lil banda moderna, il-festi tal-50sena ma sarux fl-1980 imma tħallew għas-sena ta' wara. Issa l-banda għaddiet f'idejn surmast direttur ġdid li daħal flok is-Surmast Ninu Sammut. Dan kien is-Surmast Ġanni Mamo li nħatar Surmast Direttur f'Settembru ta' l-1980, li għalkemm ta' età aċċetta li jmexxi l-banda. Is-Surmast Mamo kellu esperjenza kbira f'diversi oqsma tal-mużika. Il-programm mużikali tal-Festi tal-50 sena u l-inawgurazzjoni tal-Kazin il-Ġdid tmexxa mis-Surmast Ġanni Mamo u fih idderieġa wkoll silta mużikali is-Surmast preċedenti is-Surmast Anthony Sammut. Kien f'dak iż-żmien li s-Surmast Mamo ikkompona l-marċ popolari bl-isem "ta' L-Iljun" u li snin wara għoġbu jgħaddi dan il-marċ biex illum sar propjetà tal-Banda Imperial Fis-sena 2007 is-Surmast għalaq 90 sena u għal din l-okkażjoni saritlu laqgħa sabiħa fil-każin. Kien jixraqlu.

Għall-festi tal-75 sena sar xogħol ġdid fil-każin u għal dawn il-festi l-banda kellha Surmast , iben l-istess banda. Is-Surmast Anthony Borg inħatar Surmast Direttur tal-Banda Imperial f'Ottubru 1997. Sa minn meta kien tifel kien bandist ta' l-istess Banda u fis-sena 2005 idderieġa l-programm vokali u strumentali bil-Banda flimkien mal-Kor Imperial (li twaqqaf fis-sena 1998) biex jitfakkar għeluq il-75 sena mit-twaqqif tal-Għaqda Mużikali Imperial. Din il-banda li bdiet fl-1930 fi żmienijiet diffiċli, issa waslet biex tat ukoll surmast direttur lill-istess banda.

Nawguraw li bil-koperazzjoni tal-bandisti u tal-membri l-Banda tasal biex tiċċelebra kif jixraq il-festi tal-100 sena .

Awguri.